MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 276/2004

**A B; C D E; F D E illi flimkien mal-istess attrici martu C D E, jidher bhala legittimi rapprezentanti u ghan-nom ta' uliedhom minuri G u H, ahwa D E**
**vs**
**KL M; N O;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preamobolu**.

Rat ir-rikors tal-atturi tal-15 ta' Jannar 2013 li jaqra kif gej:--

1. "Illi fil-kors ta' dina il-kawza u fuq talba tal-atturi, dina l-Onorabbli Qorti kienet 20 ta' Marzu 2007, hatret lil Christopher Farrugia bhala espert xjentifiku, sabiex jaghmel it-testijiet xjentifici u genetici fuq il-kontendenti u

dan biex tigi mistharrga ahjar it-talba tal-istess atturi sabiex jigi dikjarat illi il-konvenut l-Imhallef KL M, fl-epoka rilevanti zewgt l-attrici A B, m' huwiex il-missier naturali tal-attrici C D E, bint l-imsemmija A B u li il-konvenut l-iehor Carmela sive Charles Ohuwa il-missier natural tal-imsemmija attrici C D E.

2. Illi l-atturi A B u C D E accettaw illi jissottomettu ruhhom ghal-imsemmija testijiet, izda l-konvenuti, l-imsemmija l-Imhallef KL M u Carmela sive Charles Okienu irrifjutaw illi jissottomettu ghal dawn it-testijiet b' mod illi l-Perizija ordnata mill-Oorti ma saretx ghaliex ma setghet qatt twassal ghal xi rizultat utili ghal dawn il-proceduri. Dan jirrizulta mill-verbali tas-udjenzi tat- 8 ta' Mejju 2007 u tal-14 ta' Gunju 2007.

3. Illi fil-mori ta' dan, il-Kodici Civili gie ernendat bl-Att numru XV tas-sena 2012, billi inter alia gie introdott l-Artikolu 70A, illi jghid fost hwejjeg ohra, illi "Meta jsir rikors minn persuna li ghandha dritt tikkjarifika - illi jinkludi lill-atturi A B u C D E - il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandu: tissostitwixxi l-kunsens li ma inghatax u ghandha tordna li jittiehed il-kampjun." Din is-sostituzzjoni tal-kunsens ma kinitx possibbli meta originarjament giet ordnata l-perizja xjentifika minn dina l-Onorabbli Qorti erba snin ilu.

4. Illi jigi rilevat illi - kif inghid - ghad il-konvenut l-Imhallef KL M kien irrifjuta illi jissottornetti ruhhu ghat-testijiet ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti, xi zmien wara li kien gharraf lill-istess Onorabbli Qorti bir-rifjut tieghu, kien xehed vica voce, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2009, quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dottor Kenneth Gulia, illi huwa ma kienx qara il-parti tal-affidavit fejn il-konvenut l-iehor kien xehed illi fl-epoka meta l-attrici C D E giet koncepita, huwa, cioe' l-istess konvenut Okien qieghed jkollu rapport mal-attrici ommha A B. Illi huwa possibilment ghaliex il-konvenut M kien hekk inkonxju tax-xhieda ta' Ometa huwa irrifjuta illi jissottometti ruhhu ghat-testijiet ordnati mill-Qorti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tordna illi jsiru testijiet xjentifici u genetici fuq l-atturi A B u C D E u fuq il-konvenuti l-Imhallef KL M u Carmelo Ou tahtar ghal dan l-iskop il-Perit Tekniku b' dan illi f' kaz illi l-imsemmija konvenuti jew min minnhom jirrifjutaw il-kunsens taghhom ghal tali testijiet, u b' applikazzjoni inter alia tad-dispozizzjonijet tal-Artikolu 70A tal-Kodici Civili, tissostitwixxi l-kunsens li ma jkunx inghata mill-konvenuti jew min minnhom u tordna li jittiehed il-kampjun."

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-31 ta' Jannar 2013 li permezz taghha irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

Rat ir-risposta addizzjonali tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-10 ta' Lulju 2013 li taqra kif gej:-

1. "Illi din ir-risposta addizzjonali qeghda ssir in osservanza mal-verbal moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar 1-20 ta' Gunju 2013 ghar-risposta ta' KL M ghar-rikors pprezentat mill-atturi fil-l5 ta' Jannar 2013 fejn kien talab lil dina Onorabbli Qorti tordna illi jsiru testijiet xentifici u genetici fuq l-atturi A B u C D Enland u fuq il-konvenuti l-Imhallef KL M u Carmelo Grech;

2. Illi preliminarjament l-artikolu in kwistjoni huwa l-Artikolu 70A tal-Kodici Civili liema artikolu gie mizjud permezz tal-Att Nru XV tal-2012;

3. Illi r-rikorrent KL M huwa zbaljat meta jghid illi l-Att Nru XV tal-2012 ma giex fis-sehh u dan ghaliex it-tali att gie fis-sehh fl-24 ta' Lulju 2012 bis-sahha tal-Avviz Legali 243 tas-sena 2012 cioe l-Att tal-2012 li jemenda l-Kodici Civili (Att Nru. XV tal-2012);

4. Illi l-imsemmi Avviz Legali jghid hekk: Bis-sahha tas-setghat moghtija bl-artikolu 1(2) tal-Att tal-2012 li jemenda l-Kodici Civili, il-Ministru responsabbli ghall-gustizzja stabbilixxa d-data 24 ta' Lulju, 2012 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha tal-imsemmi Att ghandhom jigu fis-sehh.

5. Illi dan l-artikolu ghandu effett retroattiv u dan a bazi tal-principju legali tal-ius superveniens li gie zviluppat mill-Qrati nostrana.

6. Illi dan il-principju gie ezaminat b'mod estensiv minn din l-Onorabbli Qorti f'sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2013 fl-ismijiet AC vs Direttur tar-Registru Pubbliku et (Cit Nru 379/2006);

7. Illi fost ir-referenzi li ghamlet fid-decizjoni taghha, din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghall-kawza David Clarke nomine vs Dr. Marco Griscti nomine deciza mill-Qorti tal-Kumrnerc fit-22 ta' Marzu 1990 fejn kien gie spjegat "illi jus superveniens firmat actionem et exceptionem u ghalhekk jekk waqt il-kawza jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel kienet difettuza tigi msahha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonornija tal-gudizzju u tal-ispejjes.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha tinjora dak li inghad mill-konvenut KL M f'dan ir-rigward u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha tapplika l-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.”

Rat ir-risposta tal-konvenut KL M tal-11 ta’ Frar 2013 li taqra hekk:-

1. “Illi in forza ta' rikors datat 15 ta' Jannar 2013, l-atturi talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna illi jsiru testijiet xjentifici u genetici kemm fuq l-atturi A B u C D E, kif ukoll fuq l-esponenti u fuq l-intimat l-iehor Carmela Grech;

2. Illi oltre dan, intalab sabiex, f'kaz illi jigi l-kunsens tal-esponenti u/jew tal-konvenut l-iehor Carmela Oma jinghatax, ili tali kunsens ghandu jigi sostitwit minn dina l-Onorabbli Qorti Ii ghandha tordna illi jittiehdu tali kampjuni;

3. Illi ghandu jinghad illi t-talba sabiex jittiehdu testijiet xjentifici u genetici diga saret u giet opposta kemm mill-esponenti kif ukoll mill-intimat l-iehor Carmela Grech;

4. Illi minn qari tar-rikors, jirrizulta illi l-bazi ghar-riproponiment ta' din it-talba hija l-emenda tal-Kodici Civili in forza tal-Att Nru XV tal-2012 u l-introduzzjoni tal-Artiklu 70A;

5. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, jidher illi l-Att Nru XV tal-2012 u partikolarment 1-Artikolu 70A ghadhom ma gewx fis-sehh u ghaldaqstant, tali talba ma tistax tigi proposta f'dan l-istadju peress illi tirrizulta intempestiva, u konsegwentement, ghandha tigi michuda;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi satta mess illi t-talba ghal kjarifika ghandha ssir limitatament u ghall-fini ta' prova in sostenn tat-talbiet li saru f'din il-kawza u ghall-ebda raguni ohra u l-Artiklu 70A ghandu jigi interpretat b'mod restrittiv, sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet tal-persuni kkoncernati, partikolarment id-drittijiet ta' terzi;

7. Illi fi kwalunkwe kaz, l-Artiklu 70A tal-Kap 16 li hija l-bazi tat-talba attrici, ma jikkontemplax illi tali testijiet xjentifici u genetici jistghu jigu ordnati fir-rigward tal-intimat, u dana minhabba l-fatt illi tali testijiet ma jistghu qatt iwasslu ghall-kjarifika dwar parentela naturali kif mitlub mill-atturi u kif inhu kontemplat f'dan l-Artikolu;

8. Illi l-Artiklu 70(1)(b) u (c) jindika dawk il-persuni illi jista' jinhtieg il-kunsens taghhom sabiex isiru t-testijiet genetici u xjentifici ghall-finijiet ta' kjarifika ta' parentela naturali. Pero, il-kunsens tar-ragel jista' jintalab biss mill-allegat missier naturali ghat-tenur tal-Artiklu 70A(1)(d);

9. Illi l-esponenti kien mizzewweg u ghalhekk ir-ragel tal-attrici A B fiz-zmien tal-koncepiment u t-twelid tal-attrici C D E u konsegwentement, l-Artiklu 70A(1) ma jikkontemplax il-htiega tal-kunsens tieghu sabiex isiru t-testijiet genetici u xjentifici fuq persuntu, hlief f'kaz illi tali

talba ssir mill-allegat missier natura li, li mhuwiex il-kaz in ezami;

10. Illi tant hu hekk illi r-rizultati tat-testijiet xjentifici u genetici li jistghu jsiru fuq l-intimat ma jistghu qatt iwasslu sabiex issir il-kjarifika dwar il-parentela naturali illi qed jitolbu l-atturi;

11. Illi f'paragrafu 4 tar-rikors tar-rikorrenti, huma waslu ghal certi konkluzzjonijiet gratwiti u ipotetici dwar x'wassal lill-esponenti sabiex jirrifjuta illi jissottometti ruhu ghat-testijiet xjentifici u genetici meta dawn gew mitluba l-ewwel darba mir-rikorrenti;

12. Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghax-xhieda tieghu li nghatat dakinhar u cioe fid-29 ta' Jannar 2009 meta ghamel car x'kien il-hsieb tieghu dwar it-testijiet genetici u xjentifici u d-decizjoni tieghu dwar l-istess;

13. Illi konsistentement mar-risposta tieghu ghar-rikors guramentat tal-atturi, l-esponenti kien xehed illi kien qed izomm ferm il-fehmiet tieghu dwar il-parentela tal-attrici C D E u fisser x'jistghu jkunu dawk ic-cirkostanzi li jistghu jinducuh illi jirregola ruhu dwar tali fehmiet, liema cirkostanzi certament rn' avverawx irwiehhom;

14. Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, kif ukoll it-trapass taz-zmien, l-esponenti umilment jissottometti illi ma jistax jigix ordnat illi jittiehdu t-testijiet xjentifici u genetici mill-persuna tieghu stante illi mhumiex sejrin iwasslu sabiex issir kjarifika dwar il-paternita kif allegata mir-rikorrenti;

15. Illi oltre dan u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma jistax jigi ordnat jaghti l-kunsens tieghu sabiex isiru t-testijiet xjentifici u genetici fuqu kif qed jigi mitlub, stante illi, jekk jigi ordnat jaghmel dan, ikunu qed jinkisru d-drittjiet fundamentali tieghu kif sanciti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u partikolarment id-drittijiet tieghu ghall-hajja privata u ghall-familja, kif protetti ghat-tenur tal-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

16. Illi diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irrikonoxxew id-dritt ta' terzi persuni illi ma jigux mgieghla jissottomettu rwiehhom ghal testijiet ta' din ix-xorta u ghamlu enfazi fuq il-fatt illi l-interessi ta' terzi ghandhom jigu salvagwardjati.

17. Illi tenut kont ta' dan kollu, l-esponenti jissottometti illi t-talba tal-atturi fil-konfront tieghu ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet hawn fuq esposti."

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2013.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghad-decizzjoni.

Ikkonsidrat.

Permezz tar-rikors in dizamina l-atturi, omm u bint, qed jinvokaw l-artikolu l-**Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li gie introdott fil-Kodici Civili permezz tal-Att XV tas-sena 2012. Jaqra hekk.

**70A.** (1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel –

(*a*) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;

(*b*) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;

(*ċ*) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u

(*d*) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel,

li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.

(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha

tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.

(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.

(4) Persuna li tkun tat il-kunsens tagħha għal test ġenetiku ta' paternità u li tkun ipprovdiet kampjun ġenetiku tista' titlob, li l-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika li jkun sar fuqha test ta' paternità, tippermetti l-ispezzjon tar-rapport ta' dak it-test ġenetiku ta' paternità jew li tipprovdi kopja tiegħu. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiddeċiedi tilwimiet li jinqalgħu minn talba li ssir taħt is-subartikolu (1).

(5) Ir-rikorsi msemmija f'dan l-artikolu għandhom jiġu deċiżi permezz ta' digrieti, liema digrieti jistgħu jkunu appellabbli skont il-procedura mfissra fl-artikolu 229 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Matul it-trattazzjoni orali tal-Avukati tal-partijiet inghataw interpretazzjonijiet kontrastanti ta' dan l-artikolu. Saret ukoll referenza ghat-test Ingliz li ser jigi hawn riprodott:-

70A. (1) Whenever the clarification of natural parentage of a child is required –

(a) the father may require the mother and the child;

(b) the mother may require the father and the child;

(c) the child may require both parents; and

(d) the alleged natural father may require the husband, the mother and the son,

to consent to a genetic paternity test and to acquiesce in the taking
of a genetic sample appropriate for the test, which sample must be
taken according to the then current provisions of the law.

**Opposizzjoni tal-konvenut Charles Grech**.

Il-Qorti ser l-ewwel tipprocedi biex tezamina l-kontestazzjoni imressqa mill-konvenut Grech.

Il-konvenut Oqed jopponi ghal din it-talba u jsostni li l-Artikolu 70A mhux applikabbli fil-konfront tieghu. Jissottometti li l-Artikolu 70A jirreferi ghall-allegat missier naturali fis-sub-inciz (d) biss u ghalhekk mis-sub-inciz (a) sas-sub inciz (c) mhumiex applikabbli fil-konfront tieghu. Jsostni li l-kelma "missier" uzata fis-sub-inciz (a) u (b) u l-kelma "genituri" fis-sub-inciz (c) mhux qed jirreferu ghar-ragel fil-posizzjoni tieghu izda ghar-ragel mizzewweg lill-omm il-wild li l-parentela naturali tieghu jew taghha ikun mehtieg li tigi kjarifikata. Jargumenta ghalhekk illi la l-omm u lanqas il-bint ma jistghu jinvokaw l-Artikolu 70A fuq citat u jitolbu li l-Qorti tordna li jigi sottopost ghat-test tad-DNA kontra l-volonta' espressa tieghu.

**Gurisprudenza**.

Il-Qorti ser tibda l-istharrig u l-indagini taghha ghas-soluzzjoni tal-vertenza in dizamina billi tezamina gurisprudenza nostrana fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-ligijiet.

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Emmanuele Bonello et. vs. Edward Percy Larchin**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 1945 inghad illi:-

"Id-dover tal-gudikant huwa mhux semplicement dak li japplika l-ligi, imma anki dak li jara, minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x'inhija l-probabbili intenzjoni tal-legislatur f'dawk ic-cirkostanzi, u li japplika l-ligi u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra, biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta."

“**Nobbli Frances Mary Chesney Sceberras D’Amico vs. Onor Edgar Cuschieri noe.**” deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Gunju 1957:-

“Billi jigi allegat li l-legislatur, meta ntroduca dik il-ligi, ried li jitnehha kwalunkwe vinkolu fuq il-proprjeta’ immobiljari, u li titnehha wkoll kwalunkwe projbizzjoni ta’ aljenazzjoni libera tal-proprjeta’, dan mhux bizzejjed; ghax hu pacifiku li disposizzjoni statutorja li ssemmi espressament kaz wiehed ma tistax tigi estiza ghal kaz mhux espress, u l-kelma “fedekommess” u l-kelma “feudo” dejjem gew uzati distintament, u jirreferixxu ghal istituti diversi fl-origini, fin-natura u fil-ligijiet li jirregolawhom.”

Aktar recentement insibu s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza “**Major Peter Manduca vs Onor. Imhallef Dr. William Harding**” moghtija fit-30 ta’ Gunju 1993:-

“Din il-Qorti qatt ma tista’ tieqaf biex thares biss lejn definizzjoni minghajr ma tindaga u tifhem sewwa r-“ratio” ta’ kull ligi, u f’dan is-sens – definizzjoni wkoll trid tigi definita – hlief meta – kif kineu jghallmu l-guristi rumani u l-umanisti, is-sens litterali tal-kliem huwa tant car u limpidu li ma jhalli ebda spazju ghall-ekwivoku jew dubju regonevoli. Parti mid-dramma perenni tad-dritt qieghda proprju fl-insidja li tezisti bejn il-koncett, l-idea, ir-“ratio”, u l-formalizzazzjoni ta’ l-istess, permezz ta’ kliem, li ghandhom, fl-istess waqt, il-limitazzjoni inerenti li tezisti f’kull forma ta’ espressjoni, tal-hsibijiet u ideat tal-bniedem.

- omissis -

Din il-Qorti …. jidhrilha li ghandu jigi segwit il-metodu li jiddetta li, fl-ewwel lok, il-kelma tittiehed fis-sens naturali u komuni taghha u wara, jigi kkontrollat jekk il-ligi biddlitx dik it-tifsira naturali u komuni tal-lingwa ta’ kuljum, biex tohloq konnotazzjoni gdida;

- omissis -

Din it-tifsira naturali u generali – jigifieri li mhix sofistikata b'konsiderazzjonijiet artefatti u specjali, hija rispekkjata fid-diversi artikoli tal-ligi, li ghandha tittiehed l-ewwelnett fil-kumpless kollu taghha u wara fil-partikolarita' ta' xi artikolu jew parti minn artikolu, wahdu;

- omissis -

Dawn l-osservazzjonijiet, huma mmirati biex jiccaraw dak li ghandu jiftiehem, fl-ewwel lok, mill-qari generali tal-ligi…………u biex jindikaw illi wara li tigi ffurmata l-fehma ta' x'inhi r-"ratio" komplessiva tal-ligi, wiehed ghandu mbaghad jghaddi biex jezamina jekk hemmx xi parti mill-istess ligi li tiddipartixxi mir-ratio generali taghha, ghal xi provvediment specjali li jikkontrasta ma' l-istess generalita' principali;

Din hi kwistjoni ta' metodologija korretta ta' l-interpretazzjoni tal-ligijiet. L-ewwel l-intendiment generali u mbaghad l-intendiment "specjali", fis-sens illi jekk dik il-parti ma tkunx in sintonia logika, mar-ratio generali tal-ligi, billi tkun, jew realment jew apparentement, tikkuntrasta ma', jew kuntrarju ghal jew, addirittura in kontradizzjoni ma' l-istess razzjonalita' generali, allura jmiss li tigi interpretata;"

**Konsiderazzjonijiet.**

Stabbilit il-binarju li l-Qorti trid issegwi sabiex tasal ghal interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 70A, jehtieg li qabel xejn jigi ezaminat ir-*ratio* wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 70A fil-Kodici Civili.

**Seduta Parlamentari**.

Waqt is-seduta parlamentari tas-16 ta' Novembru 2011, il-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien ressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Kamra diversi emendi ghall-Kodici Civili fosthom l-introduzzjoni tal-Artikolu 70A tal-Kap. 16. Qal hekk waqt dik is-seduta:-

“Il-ligi taghna ssegwi norma importanti hafna illi giet zviluppata minn zmien fid-dritt Ruman illi meta jkun hemm wild li twieled fiz-zwieg, il-presunzjoni awtomatika tal-ligi hija li r-ragel tal-mara huwa l-missier. Dan il-principju ghal zmien twil gie difiz, iddefendejnih minhabba d-diffikultajiet involuti sija fis-socjeta kif ukoll fil-process gudizzjarju, Fis-socjeta ghax qed tibghat messagg ta' incertezza li qisu kull wild li jitwieled irid meta jaghlaq it-18-il sena jara jew jipprova jaghmel il-prova ta' min hu missieru uta' min hi ommu. It-tieni diffikulta fil-prova ghax ix-xjenza medika ma kenitx daqshekk avvanzata daqs kemm hija llum u ghalkemm in-nies jixxiebhu, ghalkemm il-kamaggjon tista' tkun l-istess, ghalkemm ix-xaghar l-istess, l-ghajnejn l-istess, pero' dak ma jfissirx li wahedhom huma bizzejjed biex ikollox ic-certezza legali ta' haga u ohra. Allura ghal perjodu twil, dejjem il-linja kienet isma', f'dawn it-tip ta' kazijiet, kemm jista' jkun ma jsirux u kemm jista' jkun ikun hemm id-diffikultajiet legali kollha biex dawn isiru.”

- omissis -

“Illum id-dinja inbidlet u filwaqt li qabel ic-centru kien din id-difiza, illum qeghdin naraw illi hija iktar importanti illi l-wild, il-persuna, tkun taf anzi li ghandha dritt tkun taf, min huma l-genituri taghha. Illum ghandna mekkanizmu maghruf bhala DNA - data, illi fih permezz tieghu wiehed jasal ghal certezza u jasal ghal certezza malajr wara t-testijiet li huma involuti”.

Il-Ministru imbaghad ghadda ghall-ispecifiku:-

“Iltqajt ma' persuni illi sabu lilhom infushom f' cirkostanzi fejn jafu illi ragel illi ommhom mizzewga mieghu jew li kienet mizzewga mieghu m'huwiex missierhom. Ma jridx ikun jaf bihom. Taf ukoll min hu l-missier proprja taghha ghax l-omm qaltilha min hu l-missier proprju taghha, pero l-missier proprja taghha u l-missier taghha, it-tnejn li huma qed jirrifjutaw li jaghtu t-test genetiku taghhorn. Allura dil-persuna ssib lilha nnifisha f'din is-sitwazzjoni illi hi tixtieq illi tkun taf min hu il-missier taghha pero ma tistax. Il-ghala? Ghax il-qorti ma tistax iggieghel, u anke jekk il-

qorti ghandha l-poter li tiehu in konsiderazzjoni dan ir-rifjut, pero l-qorti ma tistax tasal biex taghti s-sentenza li xi hadd huwa zgur missier ta' xi hadd semplicement ghax irrifjuta. Il-qorti trid li jkollha iktar affarijiet f'idejha. Irrid nghid illi dan is-settur huwa wiehed mis-setturi li jmur fil-Qorti tal-Familja u tul dawn l-ahhar erba', hames snin rajna madwar mitejn u hamsa u sittin (265) mitejn u sebghin (270) kawza li gew ipprezentati fuq dawn it-tipi ta' kazijiet.”

Mill-qari ta’ dak appena citat kif ukoll tal-kumplament tad-diskors fil-Parlament, ma jidhirx li l-Ministru li ressaq l-abbozz ta’ ligi kien qed jeskludi a priori kazijiet fejn it-test xjentifiku ma setax jigi ordnat.

Ikkonsidrat;

**Il-Frazi “Kjarifika”**.

L-Avukat tal-konvenut Oghamel accenn waqt it-trattazzjoni orali tieghu ghall-uzu tal-kelma “kjarifika” fl-Artikolu 70A u sostna li l-uzu tal-kelma “kjarifika” m’ghandiex tinftiehem l-istess bhal kelma “tistabbilixxi”.

L-Artikolu 70A jirreferi ghall-“kjarifika tal-parentela naturali” u ghal “persuna li ghandha dritt tikkjarifika”. Tajjeb jigi osservat illi dawn il-frazijiet huma uzati biss fl-Artikolu 70A u fl-ebda artikolu iehor tal-Kodici Civili. Fil-fehma tal-Qorti l-uzu tal-kelma “kjarifika” m’ghandiex toffri diffikulta’ ta’ interpretazzjoni. Qari tal-Artikolu 70A juri li l-kelma “kjarifika” qed tintuza biex tindika cirkostanzi fejn persuna trid tiddetermina paternita’ jew teskludi paternita’.

Ikkunsidrat;

**Testijiet u Provi Genetici u Xjentifici**.

L-artikoli tal-ligi li jaghtu dritt ta’ l-uzu ta’ testijiet xjentifici bhala prova f’azzjonijiet ta’ filjazzjoni sew ta’ dikjarazzjoni ta’ paternita’ kif ukoll ta’ denegata paternita’ ta’ tfal imwielda minn omm mizzewga huma s-segwenti:-

**Artikolu 70 tal-Kap 16** jaghti dritt lir-**rage**l li jichad il-wild ta' martu. Jista' jasal ghal dan *inter alia*:-

"(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità." (sottolinear tal-Qorti).

**Artikolu 70A (1) tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

**"**(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel –

(*a*) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;

(*b*) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;

(*ċ*) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u

(*d*) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel,

li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.

(Dan l-artikolu huwa mbaghad rez applikabbli ghall-kazijiet ta' wild barra z-zwieg permezz tal-Artikolu 100A tal-Kap.16).

**Artikolu 77 tal-Kap 16** jaghti dritt lil **kull min ghandu interess** li jattakka il-filjazzjoni ta' tifel imwieled fiz-zwieg:-

"(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel." (sottolinear tal-Qorti).

**Artikolu 77A tal-Kap 16** jaghti dritt lil **kull min jallega li huwa l-missier ta' tifel imwieled minn mara mizzewga** lil haddiehor illi jipprezenta kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita':-

**"**Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel. (sottolinear tal-Qorti.)

**Artikolu 77B tal-Kap 16** jaghti wkoll id-dritt ta' azzjoni dwar dikjarazzjoni ta' paternita' lill-**omm**:-

"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-mara permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra r-raġel tagħha, il-missier naturali u t-tifel tagħha imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba hija tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qegħda tintalab li tiġi ddikjarata bħala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-missier naturali tat-tifel." (sottolinear tal-Qorti).

Ikkunsidrat;

**Interpretazzjoni tal-Artikolu 70A tal-Kap. 16**.

Lura ghall-Artikolu 70A. Dan l-artikolu jibda billi jispjega fuq xhiex ser jipprovdi:-

**“Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel”.**

Ma qed issir l-ebda distinzjoni. La jekk il-kjarifika hijiex mehtiega ghal dikjarazzjoni ta’ paternita’ u lanqas jekk hiex mehtiega ghal dikjarazzjoni ta’ denegata paternita’. Isegwi ghalhekk illi it-test tad-DNA jista’ jintalab fiz-zewg azzjonijiet.

Il-kawza odjerna giet intavolata mill-omm u mill-bint. Huma ghalhekk applikabbli is-sub-inciz (1) (b) fir-rigward tal-omm u s-sub-inciz (1) (c) fir-rigward tal-bint.

Fir-rigward tal-omm, din tista’ titlob li sew il-missier kif ukoll il-wild jigu ordnati li jipprovdu kampjun genetiku sabiex isir it-test xjentifiku tad-DNA. Artikolu 77B tal-Kap. 16 fuq citat jaghti espressament id-dritt lill-omm mizzewga tistitwixxi kawza dwar dikjarazzjoni ta’ paternita’ sabiex missier binha jigi dikjarat li hu haddiehor u mhux zewgha. Hija ghalhekk il-fehma tal-Qorti illi l-kelma “missier” fis-sub-inciz (1) (b) tal-artikolu in dizamina qed jirreferi ghal veru missier naturali u mhux ghal dak li huwa indikat fic-certifikat tat-twelid. Interpretazzjoni differenti minn dik appena moghtija twassal ghall-konkluzzjoni illogika illi filwaqt li r-*ratio* wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 70A kien sabiex f’kawzi ta’ dikjarazzjoni ta’ paternita’ tingieb l-ahjar prova u jigu eliminati d-dubji, f’kawza li l-omm mizzewga taghmel biex persuna li mhiex zewgha tigi dikjarata missier binha, ma jistax tali persuna jigi ordnat joqghod ghat-test tad-DNA. Tali ragunament imur dijametrikament kontra l-iskop li ghalih gie mizjud l-Artikolu 70A tal-Kodici Civili. L-illogicita’ ta’ tali interpretazzjoni tkompli tippronunzja ruhha meta wiehed jikkonsidra illi l-istess persuna li ma hiex ir-ragel tal-omm mizzewga, jista’ jistitwixxi kawza ta’ dikjarazzjoni ta’ paternita’ u jitlob li sew it-tifel kif ukoll l-omm u r-ragel taghha jigu ordnati joqghodu ghat-test tad-DNA.

Raguni ohra ghaliex din il-Qorti hija tal-fehma ferma illi l-kelma “missier” fis-sub-inciz (1)(c) qed tirreferi ghall-missier naturali u mhux ghar-ragel tal-omm mizzewga hija l-uzu tal-kelma “ragel” fis-sub-inciz (1) (d) meta jirreferi ghall-persuna li fuq ic-certifikat tat-twelid ikun jidher bhala missier it-tifel. Ghalkemm fuq ic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala “missier” l-Artikolu 70A jirreferi ghalih bhala “ir-ragel” u mhux bhala “l-missier”.

Ghalkemm il-kaz mertu tal-kawza odjerna jirrigwarda bint imwielda fiz-zwieg, issir referenza ghall-**Artikolu 100A tal-Kap. 16** li jirrigwarda talbiet ghal dikjarazzjoni ta’ paternita’ f’kaz ta’ wild imwieled barra z-zwieg:-

**“100A.** F’kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista’, mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.”

Anke hawn l-ebda restrizzjoni ma hi maghmula dwar min mill-partijiet jista’ jigi ordnat joqghod ghat-test tad-DNA.

Stabbilit illi l-attrici A B ghandha dritt titlob li jsir test tad-DNA fuq il-konvenut Charles Omhux mehtieg tigi trattata wkoll it-talba ta’ C D E.

Issir referenza ghal objezzjoni ohra li ressaq il-konvenut Charles Ofis-sens illi fl-eventwalita’ li t-talba in dizamina tintlaqa’ ser tigi fix-xejn l-eccezzjoni tieghu li l-attrici kellha relazzjonijiet intimi ma’ haddiehor oltre ma’ Charles Grech. Il-konvenut Ojilmenta illi jekk ir-rikors tal-atturi jintlaqa’ tisfaxxa fix-xejn din l-eccezzjoni tieghu. Fil-fehma tal-Qorti tali eccezzjoni ma hiex ta’ ostakolu procedurali ghall-akkoljiment tar-rikors tal-atturi in dizamina.

**L-Opposizzjoni tal-konvenut KL M**.

Il-konvenut M jobjetta ghat-talba fil-konfront tieghu li jigi ordnat jaghmel it-test tad-DNA ghaliex isostni illi sabiex tintlaqa’ t-talba tal-atturi li l-konvenut Ohuwa missier l-attrici C D E mhux mehtieg it-test tad-DNA fil-konfront

tieghu. Il-kawza giet istitwita primarjament sabiex Ojigi dikjarat missier l-attrici D E. Jekk ir-rizultati tat-testijiet xjentifici jiccertifikaw li Ohuwa effettivament missier l-attrici D E, il-konvenut M jigi awtomatikament eskluz li huwa l-missier.

Il-Qorti ittendi taqbel ma' tali ragunament. Stante li x-xjenza tiddetta li persuna umana jista' jkollha biss missier naturali wiehed, rizultat pozittiv tad-DNA fil-konfront tal-konvenut Ojeskludi lill-konvenut M mill-oneru tal-paternita' tal-attrici D E.

Ghaldaqstant l-objezzjoni tal-konvenut M qed tigi akkolta.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-atturi tal-15 ta' Jannar 2013 billi prevja li takkolji l-objezzjoni imressqa mill-konvenut M:-

1) Tichad l-objezzjonijiet imressqa minn Charles Grech;

2) Tiddikjara illi A B, fil-kwalita' taghha ta' omm C D E, ghandha dritt, bis-sahha tal-Artikolu 70A (1) (b) tal-Kap.16, titlob lill-Qorti sabiex tordna li jittiehed kampjun genetiku minn fuq il-persuna tal-konvenut Charles Oghall-finijiet tat-testijiet xjentifici tad-DNA.

3) Bis-sahha tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li jittiehed kampjun genetiku minn fuq il-persuna tal-konvenut Charles Grech. Ghal dan il-ghan tinnomina bhala espert gudizzjarju lil Dr Marisa Cassar bi spejjez provvizorjament tal-atturi.

Bl-ispejjez ta' dan id-digriet rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------